Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 10th October, 2024, and upon an application numbered 1103/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth number 855/2021 so that the surname of the minor Tabitha is to be changed from 'Gauci' to 'Gauci Valentino'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 17th October, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2423

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-10 t' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1105/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ numru 1653/2013 biex il-kunjom li l-mara addottat wara ż-żwieġ (u mhux dak li kellha fil-mument taż-żwieġ) jiġi korrett minn 'Bennett' għal: 'Bennett Rice'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 10th October, 2024, and upon an application numbered 1105/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Marriage number 1653/2013 so that the surname that the wife adopted after the marriage (and not the one she had at the time of the marriage) is to be corrected from 'Bennett' to: 'Bennett Rice'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 17th October, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2424

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-10 ta' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1102/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ bin-numru 937/2000 biex isem il-mara jiġi korrett minn 'Mariana Catarina' għal 'Marianna Catarina'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 10th October, 2024, and upon an application numbered 1102/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Marriage 937/2000 in order to correct the name of the wife from 'Mariana Catarina' to 'Marianna Catarina'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 17th October, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2425

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tal-protest numru 253/2024, fl-ismijiet Emanuel Cutajar vs Alexia Grima Arafa et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 8 ta' Lulju, 2024

Emanuel Cutajar (KI 465365M) vs Alexia Grima Arafa (KI 418982M) f'isimha proprju u f'isem in-negozju Arafa Services u Elite Network International Malta Limited (C91793) u Arafa Services Limited (C94227)

Protest ta' Emanuel Cutajar (KI 465365M)

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti flimkien ma' terzi kienu kkostitwew il-kumpannija protestata bl-isem ta' Elite Network International Malta Limited (C91793) sabiex tagħti servizzi lil persuni minn pajjizi terzi, fosthom inkonnessjoni ma' applikazzjonijiet ta' residenza, permessi ta' xogħol u servizzi oħra anċillari. Dan in-negozju llum jinsab operat mill-protesti Alexia Grima Arafa pro et noe u/jew mis-soċjetà protestata Arafa Services Limited;

By means of a decree of the 29th August, 2024, in the records of the protest number 253/2024, in the names Emanuel Cutajar vs Alexia Grima Arafa pro et noe, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 8th July, 2024

Emanuel Cutajar (ID 465365M) vs Alexia Grima Arafa (ID 418982M) in her own name and on behalf of the business Arafa Services and Elite Network International Malta Limited (C91793) and Arafa Services Limited (C94227)

Judicial Protest of Emanuel Cutajar (ID 465365M).

Request with respect:

1. That the parties together with third parties had constituted the respondent company with the name Elite Network International Malta Limited (C91793) to provide services to third country persons, amongst which in connection with residence applications, work permits and other ancillary services. This business is today operated by the protesting parties Alexia Grima Arafa pro et noe and/or the responding company Arafa services Limited;

2. Illi jirriżulta li f'mument minnhom, il-kumpanija Elite trasferiet in-negozju tagħha lill-kumpanija bl-isem Arafa Services Limited (C94227) li tagħha l-protestata Alexia Grima Arafa hija l-unika azzjonijiet u direttriċi u l-introjtu li kellu jiġi pperċepit mis-soċjetà Elite ġie wkoll ridirezzjonat a favur il-kumpanija l-oħra Arafa Services Limited u/jew favur il-protestata Grima Arafa proprio et nomine;

3. Illi fil-fatt il-kumpanija Arafa Services Limited effettivament kompliet ix-xogħol li kellha l-kumpanija Elite u l-operat ta' soċjetajiet protestati huwa essenzjalment l-istess wieħed;

4. Illi l-protestant għamel investiment kbir fil-kumpanija Elite u konsegwentement anke fil-kumpanija Arafa Services Limited biex dawn setgħu jibdew joperaw biex jitħallsu l-ispejjeż fosthom pagi tal-ħaddiema u l-kera tal-fond fil-Ħamrun minn fejn joperaw, oltre spejjeż oħra;

5. Illi fil-fatt, il-protestant ħallas aktar minn €50,000 b'investiment f'dan in-negozju u dan oltre li għadu ma tħallasx sehmu mill-qligħ kollu li ġġenera;

6. Illi għalhekk l-esponent ġja interpella lill-protestanti sabiex iħallsuh, kemm l-ammont komplessiv li huwa kien investa fin-negozju kif ukoll sehmu mill-qligħ kollu li ġġenera l-istess negozju;

7. Illi minkejja dan, il-protestati baqgħu inadempjenti;

8. Illi għaldaqstant, l-esponent mhux biss ma tħallasx lura l-flejjes li huwa kien ivversa f'dan in-negozju u sehmu mill-qligħ ġenerat iżda qiegħed isofri wkoll danni, konsistenti, fost oħrajn fit-telf ta' użu ta' flusu.

Għaldaqstant, filwaqt li jġib a formali konjizzjoni tal-protestati kollha l-esponent jinterpella lill-protestati kollha sabiex:

i. iħallsuh l-ammont kollu li huwa vversa fin-negozju li llum iġib l-isem Arafa Services;

ii. jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' qligħ kollu ġenerat mill-imsemmi negozju u jħallsu lill-esponent sehmu mill-istess;

iii. jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-esponent bi ħtijiet tal-protestati u konsegwentement iħallsuh tali danni hekk likwidati, filwaqt li jżomm lill-istess intimati kollha responsabbli minn issa għad-danni kollha li l-esponenti għad jistgħu jġarrbu bi ħtija tal-istess intimati, qiegħed minn issa jpoġġihom f'dolo, culpa u mora għall-finijet u effetti kollha tal-liġi.

2. That it results that at one moment, the company Elite transferred its business to the company with the name Arafa services Limited (C94227) of which the respondent Alexia Grima Arafa is the only actions and directs and the income that had to be allowed by the company Elite was also redirected in favour of the other company Arafa services Limited and/or in favour of the respondent Grima Arafa proprio et nomine;

3. That infact the company Arafa services Limited effectively continued the work that the company Elite had and the operation of the respondent companies is essentially the same one;

4. That the applicant made a big investment in the company Elite and subsequently also in the company Arafa services Limited so that they could start operating to pay the expenses including wages of the workers and the rent of the premises in Hamrun from where they operate, besides other expenses;

5. That in fact, the applicant paid more than €50,000 by way of investment in this business and this besides not paying his share of all the profits he generated;

6. That thus the applicant has called upon the respondents to pay him, both the total amount he had invested in the business as well as his share of all the profit generated by the same business;

7. That despite of this, the respondents remained in default;

8. That thus, the applicant not only did not get paid back the money that he had reversed in this business and his share of the profit generated but he is also suffering damages, consisting, inter alia, in the loss of use of his money.

Thus, whilst bringing to the formal notice of all the respondents the applicant calls upon all the respondents so that they:

i. pay him all the amount which is vice versa in the business which today bears the name Arafa services;

ii. come forward for the liquidation and payment of all the profit generated by the said business and pay the interpellant his share from the same;

iii. come forward for the liquidation and payment of all the damages suffered by the interpellant due to the fault of the respondents and consequently pay him such damages so liquidated, whilst holding all the same respondents responsible from now for all the damages that the interpellants can still suffer due to the fault of the same respondents, is from now putting them in dolo, culpa and mora for all intents and purposes of law.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Protestant: Emanuel Cutajar, 94, Opal Court, Flat 2, Triq Ta' Gidwet, Marsaskala

Notifika: Elite Network International Limited, 19, Triq is-Santissima Trinità, Il-Ħamrun
Arafa Services Limited, 19, Triq is-Santissima Trinità, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interest

Applicant: Emanuel Cutajar, 94, Opal Court, Flat 2, Triq Ta' Gidwet, Marsaskala

Notification: Elite Network International Limited, 19, Triq is-Santissima Trinità, Ħamrun
Arafa Services Limited, 19, Triq is-Santissima Trinità, Ħamrun

Registry of the Superior Courts, today 18th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2426

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2244/2024, fl-ismijiet FCM Bank Limited vs Allison Management Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Allison Management Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 10 ta' Mejju, 2024

Lil Allison Management Limited (C86044) u Andrew Vasuani (KI 166071M)

Permezz tal-preżenti ittra ufficjali, FCM Bank Limited (C50343) ta' Suite 3, Tower Business Centre, Triq it-Torri, Is-Swatar, jirreferi għall-kuntratt pubbliku ta' self datat 22 ta' Ġunju, 2021, fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace li in forza tiegħu ngħatat faċilità bankarja konsistenti minn self tas-somma ta' €465,000 daparti tal-Bank mittenti favur is-soċjetà interpellata Allison Management Limited filwaqt illi, in forza tal-istess kuntratt l-interpellat Andrew Vasuani kkostitwixxa ruħu garanti flimkien u in solidum mal-istess Allison Management Limited.

Intom qed tiġu formalment avżati illi minħabba nuqqasijiet daparti tagħkom jew min minnkom, intom tinsabu f'sitwazzjoni ta' default kif definit fid-dokument Events of Default, liema dokument jifforma parti integrali mill-kuntratt ta' self fuq indikat u għaldaqstant qed tiġu interpellati sabiex fi żmien ħmistax-il jum min-notifika ta' dan l-att tirrimedjaw din is-sitwazzjoni għas-sodisfazzjoni tal-Bank mittenti. Fin-nuqqas milli tagħmlu dan fiż-żmien lilkom mogħti, intom titilfu l-benefiċċju tat-terminu u l-ammont intier ikun dovut minnufih mingħajr ebda proċedura ulterjuri u l-Bank mittenti jipproċedi kontrikom skont il-liġi, inkluż permezz tal-ispedizzjoni tal-mandati opportuni.

By means of a decree of the 12th August, 2024, in the records of the judicial letter number 2244/2024, in the names FCM Bank Limited vs Allison Management Limited et the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Allison Management Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 10th May, 2024

To Allison Management Limited (C86044) and Andrew Vasuani (ID 166071M)

By means of this present, FCM Bank Limited (C50343) of Suite 3, Tower Business Centre, Triq it-Torri, Swatar, refers to the public deed of loan dated 22nd June, 2021, in the records of Notary Mary Grech Pace in virtue of which a banking facility consisting of a loan of the sum of €465,000 was given by the interpellant Bank in favour of the company called Allison Management Limited whilst in virtue of the same contract the interpellant Andrew Vasuani constituted himself as surety together and in solidum with the same Allison Management Limited.

You are formally warned that due to shortcomings on your part or either of you, you are in a default position as defined in the documents Events of Default, which document forms an integral part of the deed of loan above indicated and thus you are being solicited so that within fifteen days from the service of this act you remedy this situation to the satisfaction of the interpellant Bank. Failing to do this within the time given to you, you will lose the benefit of time and the whole amount will be due immediately without any further procedures and the interpellant Bank will proceed against you according to law, including by means of requesting the issuance of the opportune warrants.

Tant biex tkunu avżati

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet u b'riżerva għal kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lill-Bank mittenti.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may be notified

With costs and interest and reserving any further action due to the interpellant Bank.

Registry of the Superior Courts, today 18th October 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2427

Permezz ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Settembru, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' kontromandat numru 1362/2024 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppreżentat fl-14 ta' Awwissu, 2024, wara l-mandat ta' Sekwestru numru 1014/2024 maħrug fl-14 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet Mario Spiteri (KI 469658M) vs Anna Vassallo gia Spiteri (KI 449959M) fejn Anna Vassallo (KII 448859M) talbet:

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta.

Ir-raġuni: Stante li l-ammont indikat fil-Mandat ta' Sekwestru numru 1014/2024 ta' €1388.06 ġie indikat bħala spejjeż u is-sorte u l-imghax ma ġewx indikati u lanqas ippreżenta kopja legali ta' taxxi uffiċjali rigward dan l-ammont kif ukoll is-sekwestrant Mario Spiteri lanqas biss deher f'dawn l-atti wisq inqas ħa xi ġurament u dan jirrendi dan il-mandat null u invalidu mhux inforzabbli u lanqas effettiv.

Kontromandat

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi wara l-esekuzzjoni tal-mandat li għalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq, hemm raġunijiet skont il-liġi għala l-istess mandat m'għandux jibqa' jseħħ.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Imħallef : L-Onor Anthony Ellul, LLD

Fl-atti tal-Kontromandat ta' Sekwestru numru 1362/2024

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

By a decree of the First Hall of the Civil Court of the 24th September, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a counter warrant number 1362/2024 filed in the First Hall of the Civil Court on the 14th August, 2024, after the Garnishee Order number 1014/2024 issued on the 14th June, 2024, in the names Mario Spiteri (ID 469658M) vs Anna Vassallo previously Spiteri (ID 449959M) wherein Anna Vassallo (ID 449959M) pleaded:

That this Honorable Court orders the issue of the opportune counter-warrant on the grounds herein mentioned.

Reason: Since the amount indicated in the Garnishee order number 1014/2024 of €1388.06 was indicated as due for expenses and the capital and interest were not indicated nor did he file a legal copy of official taxed bill of costs in support of this amount as well as the creditor Mario Spiteri did not even appear in these acts much less confirmed its contents on oath and this renders this warrant null and invalid not enforceable nor effective.

Counterwarrant

To the Marshal of the Courts

Whereas after the execution of the warrant referred to in the above application, there are grounds according to law for which the same warrant should not remain in force.

In the First of Hall of Civil Court

Judge: Honourable Anthony Ellul, LLD

In the acts of the counter warrant of the Granishee Order number 1362/2024

The Court,

Saw the application;

Tordna n-notifika lis-sekwestrant bi dritt ta' tweġiba fi żmien erbat (4) ijiem.

Illum 14 ta' Awwissu, 2024

Notifika: Mario Spiteri, Lexi, Appartament Numru 3, Triq Karlu Darmanin, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Order the notification to the creditor with four (4) days to submit a reply.

Today 14th August, 2024

Notification: Mario Spiteri, Lexi, Appartament Numru 3, Triq Karlu Darmanin, Mosta

Registry of the Superior Court, today 18th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2428

Permezz ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Settembru, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' kontromandat numru 1353/2024 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppreżentat fit-13 ta' Awwissu, 2024, wara l-mandat ta' Sekwestru numru 278/2024 maħrug fid-19 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet Mario Spiteri (KI 469658M) vs Anna Vassallo gia Spiteri (KI 449959M) fejn Anna Vassallo (KII 448859M) talbet:

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta.

Ir-raġuni: Stante li l-ammont indikat fil-Mandat ta' Sekwestru numru 278/2024 ta' €3077.20 ġie indikat bħala spejjeż u s-sorte u l-imghax ma ġewx indikati u bħala pretensjoni indika s-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 7 ta' Diċembru, 2023, Rikors numru 925/2017 fl-ismijiet premessi u esibixxa biss taxxa uffiċjali waħda tal-mandat ta' sekwestru numru 278/2024 ammontanti għal €181.07,0 li ma' tiġġustifikax l-ammont. Kif ukoll ir-referenza għall-ġurament hija kanċellata u dan jirrendi dan il-mandat null u invalidu qatt ma kellu jiġi akkordat fiċ-ċirkostanzi.

Kontromandat

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi wara l-esekuzzjoni tal-mandat li għalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq, hemm raġunijiet skont il-liġi għala l-istess mandat m'għandux jibqa' jseħħ.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Imħallef : l-Onor Anthony Ellul, LLD

By a decree of the First Hall of the Civil Court of the 20th September, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a counter warrant number 1353/2024 filed in the First Hall of the Civil Court on the 13th August, 2024, after the Garnishee Order number 278/2024 issued on the 19th February, 2024, in the names Mario Spiteri (ID 469658M) vs Anna Vassallo previously Spiteri (ID 449959M) wherein Anna Vassallo (ID 449959M) pleaded:

That this Honorable Court orders the issue of the opportune counter-warrant on the grounds herein mentioned.

Reason: Since the amount indicated Garnishee Order number 278/2024 of €,3077.20 was indicated as expenses and the capital and interest were not indicated and since the basis of the claim he indicated the judgement of the Court of Appeal dated 7th December, 2023, Application number 925/2017 in the names premised and exhibited only one official judicial taxed bill of costs in relation to the garnishee order number 278/2024 amounting to €181.07,0 which does not justify the amount. In addition, the reference to the oath is cancelled and this renders this warrant null and invalid and it ought not have been issued in the circumstances.

Counterwarrant

To the Marshal of the Courts

Whereas after the execution of the warrant referred to in the above application, there are grounds according to law on the basis of which the same warrant should not remain in force.

In the First of Hall of Civil Court

Judge: the Honourable Anthony Ellul, LLD

Fl-atti tal-Kontromandat ta' Sekwestru numru 1353/2024

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna n-notifika lis-sekwestrant bi dritt ta' tweġiba fi żmien erbat(4) ijiem.

Illum 14 ta' Awwissu, 2024

Notifika: Mario Spiteri, Lexi, Appartament Numru 3, Triq Karlu Darmanin, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the acts of the counter warrant of the Granishee Warrant number 1353/2024

The Court,

Saw the application,

Order the notification to the creditor with four (4) days to submit a reply.

Today 14th August, 2024

Notification: Mario Spiteri, Lexi, Appartament Numru 3, Triq Karlu Darmanin, Mosta

Registry of the Superior Court, today 18th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2429

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Settembru, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-bandu fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 551/2024, fl-ismijiet CFM Developments vs Kuraturi Deputati ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Josephine Xuereb a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-28 ta' Mejju, 2024, fuq talba ta' CFM Developments Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-sidien jew il-werrieta tagħhom mhux magħrufa, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 551/2024FDP, fl-ismijiet CFM Developments Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet CFM Developments Limited (C75646) vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw u jħarsu l-interessi tas-sidien (jew il-werrieta tas-sidien) mhux magħrufa tal-proprjetà li tiġi in parti sottostanti dik tal-attriċi ċjoè 113, Palmier, Triq Sir Patrick Stuart, Il-Gżira, ippreżentat fis-16 ta' Mejju, 2024, ir-rikorrenti CFM Developments Limited (C75646) talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-saqaf li jiddividi l-proprjetà tal-attriċi minn dik tal-konvenuti huwa fi stat riskjuż u perikoluż u li dan jeħtieġ tiswijiet;

By means of a decree of the 23rd September, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of the banns for curators in the sworn application number 551/2024FDP, in the names CFM Developments Limited vs Deputy Curators, the following publication for the purpose of service on Josephine Xuereb was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 28th May, 2024, following a request of CFM Developments Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners or their heirs , in the records of the Sworn Application 551/2024FDP, in the names CFM Developments Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names CFM Developments Limited (C75646) vs Deputy Curators to represent the unknown owners (or their heirs) and their interest of the proprety underneath that of the applicant that is 113, Palmier, Triq Sir Patrick Stuart, Gżira, on the 16th May, 2024, the applicant CFM Developments Limited requested with respect this Honourable Court to:

1. Declare that the roof dividing the property of the property from that of the defendants is in a risky and dangerous state and that this requires repairs;

2. Tordna illi għandhom iseħħu taħt is-superviżjoni, okkorrendo ta' perit arkitett appożitament maħtur għal hekk, it-tiswijiet kollha neċessarji fl-imsemmi saqaf u kull fejn huwa meħtieġ;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jikkontribwixxu u jħallsu is-sehem tagħhom mill-ispiża neċessarja involuta fl-istess tiswijiet;

4. Tinnomina u taħtar perit arkitett biex jistabbilixxi u jissorvelja t-tiswijiet kollha meħtieġa għall-fini tat-talbiet fuq imsemmija;

5. Tagħti u takkorda l-opportuni provvedimenti u ordnijiet u timponi dawk il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa skont ir-riżultanzi tal-każ u skont iċ-ċirkostanzi a tenur tal-liġi.

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċeduri inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Marzu, 2022, bir-referenza numru 961.2022 (vide Dok. D Anness) kontra l-konvenuti li qegħdin sa minn issa jiġu inġunti in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-attriċi skont il-ligi kontra l-konvenut jew l-aventi kawża tagħhom.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 28 ta' Mejju, 2024

Notifika: Josephine Xuereb, St Mary, 33, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

Il-kawża fl-ismijiet CFM Developments Limited vs Kuraturi Deputati (Rikors Ġuramentat numru 551/2024FDP) tinsab differita għas-26 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

2. Order that there shall be carried out under the supervision, if necessary by an architect duly appointed for this purpose, all the necessary repairs in the said roof and wherever necessary;

3. Condemn the defendants to contribute and pay their share of the necessary expense involved in the same repairs;

4. Nominate and appoint an architect to establish and supervise all necessary repairs for the purpose of the above mentioned requests;

5. Give and grant the opportune directions and orders and impose all those conditions required according to the results of the case and according to the circumstances in terms of law.

With costs of the present procedures including those of the judicial letter of the 10th March, 2022, bearing ref n 961.2022 (vide Doc. D attached) against the defendants who are from now summoned so that a reference to their evidence be made and reserving any other action due to the plaintiff according to law against the defendant or their successors in title.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD , Doctor of Laws.

Today 28th May, 2024

Notification: Josephine Xuereb, St Mary, 33, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

The case in the names CFM Developments Limited vs Deputy Curators (Sworn Application number 551/2024FDP) is postponed for hearing for the 26th November, 2024, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 18th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2430

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Lulju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1243/2023GMG, li ġie ppreżentat fl-1 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet: Saffrett Peter vs Camilleri Alfred et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenut Alfred Camilleri sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tletin elf ewro (€30,000). Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-27 ta' Novembru, 2024, fid-9.15 a.m.

Notifika Intimati: Camilleri Alfred, 21, Flat A, Triq San Mikiel, Ir-Rabat, u Farrugia Carmelo, Reevem Rose, Triq Lapsi, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Lulju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 17th July, 2024, in the records of Sworn Application number 1243/2023GMG, which was filed on the 1st November, 2023, in the names: Saffrett Peter vs Camilleri Alfred et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendant Alfred Camilleri to pay the plaintiff the sum of thirty thousand euros (€30,000). With all costs against the defendants who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 27th November, 2024, at 9.15 a.m.

Notify Respondents: Camilleri Alfred, 21, Flat A, Triq San Mikiel, Rabat, and Farrugia Carmelo, Reevem Rose, Triq Lapsi, Is-Siġġiewi

Registry of the Superior Courts, today 29th July, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2431

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 675/2024AJD, li ġie ppreżentat fl-14 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Nail Cingoz, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi jiġu notifikati lilll-intimat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness bħala kopja uffiċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ għall-5 ta' Diċembru, 2024, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Nail Cingoz. Tanjoe, Flat 2, Triq il-Plejju, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.))
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 19th September, 2024, in the records of Sworn Application number 675/2024AJD, which was filed on the 14th June, 2024, in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs Nail Cingoz, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12 for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order that a copy of this application together with the documents hereby attached be notified to the respondent according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta and order the registration of the document hereby attached as an official copy thereof, so that such document constitutes an executive title.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 5th December, 2024, at 9.10 a.m.

Notify Respondent: Nail Cingoz. Tanjoe, Flat 2, Triq il-Plejju, Mellieħa

Registry of the Superior Courts, today 10th October 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2432

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Settembru, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

JC Rentals Limited (C104143) ta' Quicklets, No. 6, Triq il-Qasam, Is-Swieqi, SWQ 9022, ippreżentat talba fil-25 ta' Lulju, 2024, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Lucie Sedlackova (passaport tar-Repubblika Ċeka numru 41543165) ta' 36, Valley Vista Suites, Flat 4, Triq Sammy Bartolo, Il-Mellieħa MLH 2042, sabiex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €9,940, liema ammont huwa dovut lill-kumpannija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali

Il-kawża (Avviż numru 155/2024NHV) fl-ismijiet JC Rentals Limited vs Lucie Sedlackova tinsab differita għall-11 ta' Novembru, 2024, fid-9.45 a.m.

Notifika: Lucie Sedlackova (passaport tar-Repubblika Ceka Numru 4153165) ta' 36, Valley Vista Suites, Flat 4, Triq Sammy Bartolo, Il-Mellieħa MLH 2042

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 26th September, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

JC Rentals Limited (C104143) of Quicklets No. 6, Triq il-Qasam, Swieqi, SWQ9022, filed a Claim on the 26th July 2024, whereby she asked the Court to condemn Lucie Sedlackova (Czech passport number 41543165) of 36, Valley Vista Suites, Flat 4, Triq Sammy Bartolo, Mellieħa, MLH 2042, to pay the plaintiff company the sum of €9,940, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Notice Number 155/2024NHV) in the names JC Rentals Limited vs Lucie Sedlackova is deferred for hearing for the 11th November, 2024, at 9.45 a.m.

Notification: Lucie Sedlackova (Czech passport number 41543165) of 36, Valley Vista Suites, Flat 4, Triq Sammy Bartolo, Mellieħa MLH 2042

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2433

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Lulju, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Karam Foede Mansour Eilqassam (KI 0052429A) ta' Filcar, Block A, Flat 2, Triq Carmelo de Lucca, San Pawl il-Baħar, ippreżenta talba fit-8 ta' Lulju, 2024, fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Cristina Balaceanu (KI 81744A) ta' 182 Morning Dew, Flat 2, Triq il-Fortizza, Il-Mellieħa, sabiex tħallaqs lill-attur is-somma ta' €10,297.86, liema ammont huwa dovut lill- attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali

Il-kawża (Avviż numru 142/2024VGA) fl-ismijiet Karam Foede Mansour Eilqassam vs Cristina Balaceanu tinsab differita għat-18 ta' Novembru, 2024, fl-10.10 a.m.

Notifika: Cristina Balaceanu (KI 81744A) ta' 182 Morning Dew, Flat 2, Triq il-Fortizza, Il-Mellieħa

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 19th July, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Karam Foede Mansour Eilqassam (ID 0052429A) of Filcar, Block A, Flat 2, Triq Carmelo de Lucca, St Paul's Bay, filed a Claim on the 8th July, 2024, whereby he asked the Court to condemn Cristina Balaceanu (ID 81744A) of 182 Morning Dew, Flat 2, Triq il-Fortizza, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of €10,297.86, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Notice number 142/2024VGA) in the names Michael Debono Limited vs Cristina Balaceanu is deferred for hearing for the 18th November, 2024, at 10.30 a.m.

Notification: Cristina Balaceanu (ID 81744A) of 182 Morning Dew, Flat 2, Triq il-Fortizza, Mellieħa

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th October, 2024

Alexandra Debattista
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2434

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Lulju, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Michael Debono Limited (C10002) ta' Toyota Showroom, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, ippreżentat talba fid-19 ta' Lulju, 2024, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Alessandro Trapani (KI 0036958A) u Victoria Sharova (KI 0150203A) ta' 114, Fl 2, Triq Bir ir-Riebu, Ir-Rabat, sabiex iħallsu lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €5,218.36, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali

Il-kawża (Avviż numru 151/2024VGA) fl-ismijiet Michael Debono Limited vs Alessandro Trapani et tinsab differita għat-18 ta' Novembru, 2024, fl-10.30 a.m.

Notifika: Alessandro Trapani (KI 0036958A) u Victoria Sharova (KI 0150203A) ta' 114, Fl 2, Triq Bir ir-Riebu, Ir-Rabat

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 22nd July, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Michael Debono Limited (C10002) of Toyota Showroom, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, filed a Claim on the 19th July, 2024, whereby she asked the Court to condemn Alessandro Trapani (ID 0036958A) and Victoria Sharova (ID 0150203A) of 114, Fl 2, Triq Bir ir-Riebu, Rabat, to pay the plaintiff company the sum of €5,218.36, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Notice number 151/2024VGA) in the names Michael Debono Limited vs Alessandro Trapani et is deferred for hearing for the 18th November, 2024, at 10.30 a.m.

Notification: Alessandro Trapani (ID 0036958A) and Victoria Sharova (ID 0150203A) of 114, Fl 2, Triq Bir ir-Riebu, Rabat.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2435

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 979/2024, fl-ismijiet ir-Rettur tal-Università ta' Malta et vs Ana Maria Obando Castellanos, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Ana Maria Obando Castellanos a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 29 ta' Frar, 2024

Lil: Ana Maria Obando Castellanos (KI 274872A) ta' 107, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla

By means of a decree of the 11th June, 2024, in the records of the judicial letter number 979/2024, in the names The Rector of the University of Malta et vs Ana Maria Obando Castellanos the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Ana Maria Obando Castellanos in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 29th February, 2024

To: Ana Maria Obando Castellanos (ID 274872A) of 107, Triq Pietru Pawl Caruana, Cospicua

Permezz tal-preżenti ittra ufficjali, ir-Rettur tal-Università a' Malta u l-Università ta' Malta jinterpellawk sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallas l-ammont ta' €1075.76 inkwantu ammont minnek dovut lill-mittenti bħala spejjeż u drittijiet, flimkien mal-VAT fuq id-drittijiet, ai termini tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar, 2024, fl-ismijiet Ana Maria Obando Castellanos magħrufa bħala Ana Obando vs ir-Rettur tal-Università ta' Malta et (Rikors numru 53/2023LM) kopja hawn annessa bħala Dok. A skont it-taxxa tad-drittijiet u l-ispejjeż relattiva hawn annessa bħala Dok. B.

Fin-nuqqas il-mittenti javżawk li se jittieħdu proċeduri ulterjuri fil-konfront tiegħek mingħajr preavviz ieħor.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat lilek ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Mittenti: 63, Triq l-Esperano, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of this present, the Rector of the University of Malta and the University of Malta calls upon you so that within two (2) days from the service of this act you pay the amount of €1075.76 as amount due by you to the interpellant as costs and fees, together with VAT on fees, in terms of the judgement given by the Honourable Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) on the 10th January, 2024, in the names Ana Maria Obando Castellanos known as Ana Obando vs Rector of the University of Malta et (Appointment number 53/2023LM) copy hereby attached as Doc. A according to the tax of the relative fees and expenses hereby attached as Doc. B.

In default the interpellants warn you that further procedures will be taken against you without further prior notice.

This judicial letter is being sent to you in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Interpellant: 63, Triq l-Esperano, Msida

Registry of the Superior Courts, today 18th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2436

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikorsi ġuramentati numri 243/2020 u 255/20AL fl-ismijiet Caroline Tabone vs Kenneth Tabone, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Kenneth Tabone a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Caroline Tabone (KI 150381M) vs Kenneth Tabone (KI 449674M) fl-atti tar-Rikorsi Ġuramentati numri 243/2020 u 255/2020 AL ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Awwissu, 2024, ir-rikorrenti Caroline Tabone talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tordna l-isfilz tal-affidavit tal-imsemmija Marisa Mangion ippreżentat mill-konvenut permezz ta' nota tal-5 ta' Ġunju, 2024, u li l-istess jitqies għall-finijiet kollha bħallikieku qatt ma ġie ppreżentat jew prodott u dan għar-raġunijiet imsemmija b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 156(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif hekk ikkwotat.

Rikorrenti: 62, Saint Mary, Triq Sant'Anna, Il-Qrendi

